

Brussell, 30 ta' Mejju 2016  
(OR. en)

9580/16

COMPET 336  
RECH 213

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 8849/16 COMPET 231 RECH 135

---

Suġġett: **“Regolamentazzjoni aħjar biex tissaħħaħ il-kompetittività”  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fis-26/05/2016)**

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Regolamentazzjoni aħjar biex tissaħħaħ il-kompetittività” adottati mill-Kunsill fit-3470 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Mejju 2016.

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR BIEX TISSAĦĦAĦ IL-KOMPETITTIVITÀ

"IL-KUNSILL:

**JIRRIKONOXXI** li r-regolamentazzjoni aħjar hija l-mutur ewlieni għat-**tkabbir ekonomiku** u t-trawwim tal- **innovazzjoni**, il-**kompetittività**, l-SMEs u l-**ħolqien tal-impjegati**, u għal Suq Uniku li jaħdem bis-**sih**. **ITENNI** l-**ħtieġa** li jiġi **żgurat** li r-regolamentazzjoni tal-UE tkun **trasparenti**, **sempliċi** u li tintlaħaq bl-**inqas spejjeż**, u biex dejjem jittieħed kont ta' **livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi**, is-**saħħa**, l-**ambjent** u l-**impjegati**.

**JILQA'** l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar, Aġenda tal-UE" tad-19 ta' Mejju 2015<sup>1</sup> u l-Ftehim Interistituzzjonali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar "It-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet" tat-13 ta' April 2016.<sup>2</sup>

Leġislazzjoni li hi valida għall-futur u favur l-innovazzjoni

- 1) **JISSOTTOLINJA** l-**importanza** ta' qafas **regolatorju** sod favorevoli għar-**riċerka**, l-**innovazzjoni** u l-**kompetittività**, u **JILQA'** l-**impenn** tal-Kummissjoni li tindirizza l-**kwistjoni** ta' **leġislazzjoni** li hi valida għall-futur, tkun **adatta għall-iskop tagħha** u hi favur ir-**riċerka** u l-**innovazzjoni** bħala parti mill-**implimentazzjoni tal-linji gwida** u s-**sett ta' għodod tagħha** għal **regolamentazzjoni aħjar**.
- 2) **JISĦAQ** li, meta jitqiesu, jiġu **żvilupp**ati jew **aġġornati** miżuri tal-UE dwar **politika** jew **regolatorji**, il-**'Prinċipju tal-Innovazzjoni'** għandu jiġi **applikat**, li jinvolvi t-**teħid** ta' kont tal-**impatt** fuq ir-**riċerka** u l-**innovazzjoni fil-proċess** ta' **żvilupp** u r-**rieżami tar-regolamentazzjoni** fl-oqsma kollha tal-**politika**. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri, biex **ikomplu jiddeterminaw l-użu tiegħu** u biex **jevalwaw l-impatt potenzjali tiegħu**.<sup>3</sup>

---

<sup>1</sup> Dok. 9079/15

<sup>2</sup> Dok. 15506/15

<sup>3</sup> Il-Kunsill ifakkar fil-Prinċipju ta' Prekawzjoni.

- 3) F'dan ir-rigward, **JAPPELLA** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jesploraw u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar kif ir-regolamentazzjoni tista' ssir aktar valida għall-futur u tippermetti riċerka u innovazzjoni, filwaqt li jsir użu tajjeb minn kunċetti u prattiki eżistenti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Dawn jistgħu jinkludu approċċi bbażati fuq ir-riskju u l-periklu għar-regolamentazzjoni, l-użu ta' leġislazzjoni orjentata lejn l-għan jew l-eżitu, l-użu ta' għodod diġitali, possibbiltajiet għal esperimentazzjoni<sup>4</sup>, u flessibbiltà.<sup>5</sup> **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex tgħin fil-għbir tar-riżultati ta' din l-esplorazzjoni fl-ewwel nofs tal-2017, inkluża l-esperjenza tal-użu tar-riċerka u l-innovazzjoni u tal-għodod ta' valutazzjoni tal-ICT<sup>6</sup> fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt.
- 4) **JILQA'** l-impenn tal-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjoni ta' leġislazzjoni li hi valida għall-futur, li tkun adatta għall-iskop tagħha u li hi favur ir-riċerka u l-innovazzjoni anki meta tittratta leġislazzjoni eżistenti fil-qafas tal-programm REFIT; **JISSUĠĠERIXXI** rieżami (pereżempju permezz ta' kontroll tal-idoneità) dwar kif ir-regolamentazzjoni tista' ssir aktar favur l-innovazzjoni u dwar kif il-qafas regolatorju jista' jsir aktar ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija, ukoll abbażi tal-kontribut mill-partijiet interessati dwar ostakli regolatorji identifikati għall-proġetti u l-azzjonijiet ta' innovazzjoni tagħhom, u mudelli ta' negozju (għodda), bħal permezz tal-appell reċenti mill-Kummissjoni dwar dan is-suġġett. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu l-perspettiva ta' regolamentazzjoni favur ir-riċerka u l-innovazzjoni u li hi valida għall-futur bħala parti mid-diskussjonijiet tagħhom dwar regolamentazzjoni eżistenti fi ħdan REFIT. **JENFASIZZA** l-importanza tar-regoli tas-suq uniku li jiffaċilitaw it-tkabbir tan-negozji innovattivi Ewropej li jixtiequ joffru oġġetti u servizzi b'mod transfruntier u/jew jistabilixxu ruħhom fi Stati Membri oħra; **JILQA'** l-intenzjoni tal-Kummissjoni li l-pjattaforma REFIT tivvaluta s-suġġerimenti mill-partijiet ikkonċernati dwar l-ostakli regolatorji għad-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni.

---

<sup>4</sup> Bħar-Regulatory Sandbox fir-Renju Unit, il-Green Deals fin-Netherlands u l-Ftehimiet ta' Innovazzjoni maħsuba tal-Kummissjoni.

<sup>5</sup> Bħad-Dritt għall-Kontestazzjoni u l-użu tal-klawżoli ta' estinzjoni.

<sup>6</sup> Strument 18 u 23 tal-valutazzjoni tal-impatt.

- 5) **JISSOTTOLINJA** l-importanza li jitkejjel l-impatt tar-regolamentazzjoni tal-UE, filwaqt li jittieħed kont kemm tal-ispejjeż kif ukoll tal-benefiċċji, inkluż benefiċċji fuq perijodu twil kemm għas-soċjetà kif ukoll għan-negozju kull fejn ikun possibbli l-ispiża ta' non-Ewropa, l-impatt tal-kompetittività, il-piżijiet amministrattivi u regolatorji oħra tal-għażliet differenti, u b'rispett sħiħ għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet. **JENFASIZZA** li l-istimi kwantifikati tal-impatti m'għandhomx ikunu għan fih innifsu iżda għodda għat-tfassil aħjar tal-politika u għandhom safejn ikun possibbli jkunu disponibbli fl-istadju bikri ta' konsultazzjoni. **IFAKKAR** fl-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżguraw li jinkisbu l-informazzjoni u d-data meħtieġa biex tiġi mmonitorjata u evalwata l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv addizzjonali għan-negozju u l-Istati Membri.
- 6) **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tkun trasparenti rigward il-kriterji użati biex jiġi determinat meta l-proposti legiſlattivi u mhux legiſlattivi tal-Kummissjoni mistennija jkollhom impatt sinifikanti u għalhekk issir Valutazzjoni tal-impatt mill-Kummissjoni. **IĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tkun trasparenti u prevedibbli dwar f'liema każijiet issir kwantifikazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji matul il-Valutazzjonijiet tal-Impatt tal-Kummissjoni, u r-raġunijiet għal dan.
- 7) **JILQA'** l-impenn tal-Kummissjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali biex tkompli tikkwantifika l-isforzi ta' simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv tagħha, biex tippreżenta sħarriġ annwali dwar il-piżijiet, u, fejn possibbli, tikkwantifika t-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji jew il-potenzjal tal-iffrankar ta' proposti individwali jew ta'atti legali; **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni biex, fl-istħarriġ annwali dwar il-piżijiet, tinkludi ċifri dwar iż-żieda jew it-tnaqqis fil-piżijiet ta' liġijiet ġodda matul is-sena preċedenti.

- 8) **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha dwar il-kwantifikazzjoni tal-isforzi għat-tnaqqis tal-piżijiet billi meta jkun fattibbli tikkwantifika ex ante r-riżultati mistennija tal-inizjattivi proposti fit-tabella ta' valutazzjoni REFIT, abbażi fost l-oħrajn tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-metodi eżistenti, u billi tagħmel użu tajjeb mill-informazzjoni disponibbli mill-Istati Membri u mill-partijiet interessati. **JAPPELLA** lill-Kummissjoni tippreżenta l-ewwel riżultati tal-isforzi tagħha biex tikkwantifika t-tabella ta' valutazzjoni REFIT u l-sħarriġ annwali dwar il-piżijiet fl-ewwel nofs tal-2017.

#### Miri ta' Tnaqqis

- 9) **IFAKKAR** fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2014<sup>7</sup> li jappellaw lill-Kummissjoni biex tiżviluppa u ddaħħal fis-seħħ - abbażi tal-kontribut mill-Istati Membri u mill-partijiet interessati - miri ta' tnaqqis f'oqsma partikolarment ta' piż, b'mod speċjali għall-SMEs, fi ħdan il-Programm REFIT, li ma jkunux jeħtieġu kejl bażi u fl-istess ħin għandhom iqisu l-ispejjeż u l-benefiċċji tar-regolamentazzjoni; **JILQA'** l-impenn reċenti tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u **JĦEĠĠEĠ** lill-Kummissjoni biex tipproċedi malajr fih biex ikun hemm l-introduzzjoni tal-miri ta' tnaqqis fl-2017, filwaqt li dejjem tiegħu kont ta' livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, is-saħħa, l-ambjent u l-impjegati u l-importanza ta' Suq Uniku li jaħdem tajjeb. **JISSOTTOLINJA** li tali miri għandhom ikunu ddefiniti tajjeb, prammatiċi u sodi, u għandhom jiffukaw fuq setturi jew settijiet ta' regolamentazzjoni li jkunu partikolarment ta' piż, oqsma rilevanti għall-SMEs u b'potenzjal qawwi għall-innovazzjoni, u l-idoneità mal-prijoritajiet attwali tar-REFIT.

---

<sup>7</sup> Dok. 16000/14

- 10) **JISĦAQ** fuq l-importanza ekonomika tal-SMEs u l-mikrointrapriżi, b' mod partikolari għall-ħolqien ta' impjiegi. **JISĦAQ** fuq il-ħtieġa għall-politika ta' regolamentazzjoni aħjar u azzjonijiet tar-REFIT li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-SMEs u b' mod partikolari l-mikrointrapriżi; u **JISSOTTOLINJA** l-importanza tal-applikazzjoni rigoruża tal-prinċipju "L-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir" u t-testijiet tal-SMEs fiċ-ċiklu ta' politika tal-UE kollu kemm hu b' mod integrat u bilanċjat u **JISSUĠĠERIXXI** li l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill jiskambjaw l-informazzjoni dwar l-aħjar Prattiki, metodoloġiji u data f' dan il-qasam.
- 11) **JILQA'** l-impenn tal-Kummissjoni biex tivvaluta l-impatti fuq l-SMEs fil-valutazzjonijiet kollha ta' impatt, u **JISSOTTOLINJA** l-importanza li fil-prinċipju l-Kummissjoni ma tadottax proposti leġislattivi fin-nuqqas ta' opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju dwar l-abbozz ta' Valutazzjonijiet tal-Impatt rispettivi inkluż l-impatt fuq l-SMEs.
- 12) **JAPPELLA** lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-kejl tal-impatt tar-regolamentazzjoni fuq l-SMEs u l-mikrointrapriżi jsir b' mod konsistenti u li t-testijiet kollha tal-SMEs fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt ikunu robusti, inkluża konsultazzjoni konsistenti tal-SMEs bħala parti mill-Valutazzjonijiet tal-Impatt kollha, filwaqt li jippromwov u l-parteċipazzjoni wiesgħa u inklużiva mill-SMEs u l-mikrointrapriżi f' konsultazzjonijiet, jirrapportaw b' mod ċar fil-Valutazzjoni tal-Impatt dwar l-eżitu tal-konsultazzjonijiet tal-SMEs u l-mikrointrapriżi, u jiżguraw li l-Valutazzjonijiet tal-Impatt u l-konsultazzjonijiet ikunu faċli biex jinqraw għall-SMEs u l-mikrointrapriżi, kemm f' termini ta' tfassil, ta' formulazzjoni kif ukoll ta' lingwi.
- 13) **JISTIEDEN** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jesploraw il-possibiltajiet biex jiġu appoġġati l-iżvilupp u l-użu ta' għodod diġitali li jiffaċilitaw l-fehim ta' regolamentazzjoni kumplessa u kif ikun hemm konformità mar-regolamentazzjoni ladarba din tiġi implimentata.